KUNSILL LOKALI L-IKLIN LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 63 – IT-TNEJN 18 TA' SETTEMBRU 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**63.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

63.1.1 Ma kienx hemm.

**63.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

63.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (62) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

63.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 63.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

63.3.1 Ma kienx hemm.

## 63.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

63.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-preparamenti għal CleanUp kienu fl-aqwa tagħhom biex din l-inizjattiva ambjentali terġa tkun waħda ta' suċċess.

63.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill ma kellux stedina uffiċċjali għall-ftuħ tal-Berġa ġdida fl-Iklin. Informa li l-Kunsill kien infurmat fl-aħħar mumenti b'mod verbali u stqarr li bħala Gvern Lokali għandu jkun hemm aktar rispett lejn l-ogħla awtorità tal-lokalità. Żied jgħid li kellu jikteb lill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali s-Sur Fava biex jinfurmah dwar dan.

63.4.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa li kien sejjaħ laqgħa mas-Sindku ta' Birkirkara dwar suġġeriment li kien għadda l-ewwel Sindku tal-Iklin, is-Sur Joseph Buttigieg dwar il-possibiltà li B'Kara By-Pass tiġi ttrasformata fi ġnien pubbliku fuq l-istess mudell li qed jiġi ssuġġerit għal Triq Sant'Anna fi Floriana. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien diġà tella dan is-suġġett f'laqgħat preċedenti u kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jimbotta din l-ideja mall-awtoritajiet konċernati. L-ideja li ngħaqdu l-forzi tal-Kunsilli ġirien tagħti aktar saħħa biex dan il-proġett propost jimxi 'l quddiem. Jidher li s-Sindku ta' B'Kara is-Sa Joanne Grech se tkun qed tappoġġja din il-proposta u ser tkun qed ittella dan l-item fuq l-agenda għad-diskussjoni. Jekk il-Kunsill Lokali ta' B'Kara jkunu *on board*, il-Kunsilli b'mod konġunt ikunu jistgħu jibdew bil-laqgħat ma' Project Green Malta. Tkun ideja tajba li ssir laqgħa mal-Onor. Ministru Dott Miriam Dalli dwar din il-proposta. Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

63.4.4 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar sitwazzjoni li nqalgħet riċentement fi Triq il-Wied fejn wara li l-Community Police qed

tesegwixxi numru ta' *road checks* bl-użu ta' *speed gun*, irriżulta li numru ta' vetturi ġew immultati għaliex kienu qed jeċċedu 30km/hr.

Kompla billi qal li fil-verità, l-ispeed limit eżistenti huwa baxxa wisq minkejja li l-Kunsill irid jirrikonoxxi l-fatt li t-triq hija waħda residenzjali u hemm numru ta' drive-ways li tagħmilha ferm diffiċli għar-residenti li jgħixu fi Triq il-Wied biex ikollhom viżibilità tajba biex jidħlu u joħorġu mir-residenzi tagħhom. Dak huwa fattur importanti li wieħed irid jikkunsidra però kien qed jissuġġerixxi li l-ispeed limit jitla għal 45km/hr wara li l-Kunsill jottjeni l-approvazzjoni tal-esperti mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li għandha ssir talba lill-Awtorità biex tirrikonsidra u tirrevedi l-ispeed limit minn dak eżistenti għal 45km/hr.

## 63.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

63.5.1 Ma kienx hemm.

## 63.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

63.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-18 ta' Awwissu u l-14 ta' Settembru 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (18 August - 14 September 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 286 | 18/08/2023 | Mutur qed jipparkja fuq double line u qed itellef il-garage tar-resident fi Triq Lewis F Mizzi | Pending | Triq Lewis F Mizzi | **Police** |
| 287 | 18/08/2023 | Ħofra fit-tarmak fejn tappiera f'nofs ta' triq ħdejn il-vann tal-ħaxix fi Triq G Pesci | Settled | Triq Ġ Pesci | **WSC** |
| 288 | 18/08/2023 | Fi Pjazza N Cremona fejn saret il-bankina, tiżdied filata ma' li hemm biex speċjalment fix-xita l-ħamrija ma' toħroġx għal fuq il-bankina | Pending | Pjazza N Cremona | **Council** |
| 289 | 18/08/2023 | Fi Triq Ġ Pesci quddiem sit ta' kostruzzjoni hemm il-bankina mblukkata u n-nies qed ikollhom jimxu fit-triq | Settled | Triq Ġ Pesci | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 290 | 18/08/2023 | Talba biex titnaddaf Triq ES Inglott minn żibel u ħmieġ | Settled | Triq E. S. Inglott | **Cleansing** |
| 291 | 18/08/2023 | Ilment rigward boroz suwed biex jinġabru fi Triq il-Mużika | Settled | Triq Mużika | **Cleansing** |
| 292 | 18/08/2023 | Ilment dwar ħmieġ fi Triq ES Inglott | Settled | Triq E. S. Inglott | **Cleansing** |
| 293 | 19/08/2023 | Traffic lights not working in Triq tal-Balal | settled | Triq tal-Balal | **Support traffic lights** |
| 294 | 22/08/2023 | Ilment rigward bad workmanship fejn nru. 26,Triq A M Galea | pending | Triq A. M. Galea | **WSC** |
| 295 | 22/08/2023 | Ilment rigward żibel mormi ħdejn il-garage tiegħu ta' kuljum | Pending | Triq A .M. Galea | **Council** |
| 296 | 23/08/2023 | Talba biex titnaddaf Triq il-Poeti minn skart li jinħareġ is-Sibtijiet u jibqa hemm għax mhux tal-ġurnata u ħmieġ fit-triq. | Pending | Triq il-Poeti | **Cleansing** |
| 297 | 23/08/2023 | Sprall maqlugħ fi Triq il-Wied il-parti ta' fuq fejn l-ewwel zebra crossing | settled | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 298 | 23/08/2023 | Talba biex tinbidel katusa tal-bejt għax niżlet il-bankina u ma tlaħħaqx għall-ilma tax-xita Triq E S Inglott 62, ħdejn Serena Sky garage. | Pending | Triq E S Inglott | **Council** |
| 299 | 23/08/2023 | Ilment dwar bozoz mitfijin 2 fuq arbli u 2 taz-zebra crossing fi Triq Ġ Abos | settled | Triq il-Wied | **Enemalta** |
| 300 | 25/08/2023 | Ilment li l-ħamrija li hemm bejn Triq Ċensu Busuttil u Triq PM Vella kollha ħmieġ tal-annimali. | pending | Triq PM Vella | **Council** |
| 301 | 29/08/2023 | Dawl ta' barra mhux jixgħel fi Triq il-Klin, area kollha | settled | Triq il-Klin | **Enemalta** |
| 302 | 29/08/2023 | Id-dawl ta' Triq Giovanni Curmi mhux jixgħel | settled | Triq Giovanni Curmi | **Enemalta** |
| 303 | 30/08/2023 | Hemm inspection chamber tad-drenaġġ miżdud taħt bankina quddiem St Catherine, Triq Ġeronimo Abos | pending | Triq Ġeronimo Abos | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 304 | 30/08/2023 | Ilment dwar ħsejjes minn tappiera quddiem 45-47 fi Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 305 | 01/09/2023 | Bozza mitfija Y02328, quddiem 77 Triq Stefano Erardi | settled | Triq Stefano Erardi | **Enemalta** |
| 306 | 01/09/2023 | Ilment rigward bankina quddiem 52 Triq E S Inglott. Sar xogħol mill-ħaddiema ta' WSC (bad workmanship) | pending | Triq E S Inglott | **WSC** |
| 307 | 01/09/2023 | Ilment li stabbiliment tal-ikel qed iħalli l-iskart fil-parapett u qed ikun hemm irwejjaħ mhux pjaċevoli | pending | Triq San Mikiel | **Council** |
| 308 | 02/09/2023 | Waqa' biċċa ħajt tas-sejjiegħ int u dieħel fi Sqaq in-Namur | pending | Sqaq Namur | **Council** |
| 309 | 02/09/2023 | Ilmenti dwar knis u ħaxix fi Triq G Pesci u Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied / Triq Ġużè Pesci | **Cleansing** |
| 310 | 04/09/2023 | 2 kaptelli miksurin tal-Go plc fi Triq G Abos c/w Triq il-Klin | settled | Triq Ġ Abos | **GO plc** |
| 311 | 05/09/2023 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu fi Triq Frederick Borg, l-ewwel wieħed meta tidħol fit-triq | pending | Triq Frederick Borg | **Enemalta** |
| 312 | 05/09/2023 | Ilment li fi Triq Dwardu Cachia qed jipparkjaw karozzi mhux tar-residenti fejn hemm l-iskema tal-parkeġġ . Talba għall-infurzar. | pending | Triq Dwardu Cachia | **Council** |
| 313 | 05/09/2023 | Triq Dwardu Cachia fiha l-ħaxix u mhux tinkines | settled | Triq Dwardu Cachia | **Cleansing** |
| 314 | 05/09/2023 | Minħabba x-xogħlijiet li qed isiru fl-iskejjel tan-Naxxar, it-tappieri ta' Triq F Borg, Triq E Naudi, Triq G Locano u Triq C Pace ġew iddanneġġati kollha bl-inġenji. | pending | Triq G Locano, E Naudi, F Borg, C Pace | **Council** |
| 315 | 05/09/2023 | Hemm ħafna trabijiet fit-toroq minn F Borg sa G Locano minħabba x-xogħol li għaddej fl-iskejjel | pending | Triq G Locano, E Naudi, F Borg, C Pace | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 316 | 05/09/2023 | Fi Triq C Busuttil għadda servizz ta' drenaġġ u trinka ilha ħmistax maqlugħa. Biex tingħata t-tarmak | pending | Triq Ċ Busuttil | **Council** |
| 317 | 06/09/2023 | Ilmenti dwar nuqqas ta ġbir tal-organic bags f toroq differenti | sent whatsapp | G Locano,C. Aquilina | **Waste collection** |
| 318 | 06/09/2023 | Talba biex jinqta l-haxix u siġar li kibru ħafna fi Triq ir-Razzett L-Aħmar kollha | pending | Triq Razzett L-Aħmar | **Cleansing** |
| 319 | 06/09/2023 | Talba ghal sleeping policemen fi Triq Razzett L-Aħmar,l-iktar issa li jibdew l-iskejjel għax kulħadd għaddej bi speed eċċessiv | Pending | Razzett L-Aħmar | **Council** |
| 320 | 06/09/2023 | Talba biex jinżabru siġar ta' Triq Anton Buttigieg fejn il-bankijiet, minħabba il-maltemp li ma taqax xi fergħa kbira | Pending | Anton Buttigieg | **Council** |
| 321 | 07/09/2023 | Borża kbira mal wires quddem 77, Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **Enemalta** |
| 322 | 11/09/2023 | Talba għal żabra tas-siġar quddiem 42, Triq Ġ Pesci | pending | Triq Ġ Pesci | **Cleansing** |
| 323 | 11/09/2023 | Hemm vettura pparkjata fi Triq il-Wied li ilha ħmistax mingħajr ma' tiċċaqlaq | settled | Triq il-Wied | **Police** |
| 324 | 13/09/2023 | Ilment fi Triq Ġuzeppi Calleja , kinsa u hemm il-ħaxix | settled | Triq Ġ Calleja | **Cleansing** |

## 63.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

63.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

63.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

63.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Bernice Farrugia u Godwin Catania.

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Manifattura ta' sail shades għall-playing field mill-fornitur signwarehouse għall-prezz ta' Eur4,814.40 VAT inkluż;

2. Project Management u stallazzjoni ta' sail shades mill-fornitur sign it għall-prezz ta' Eur5,428.00 VAT inkluż;

**63.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

63.8.1 Applikazzjoni PA 04556/22 – Site at, Triq Censu Busuttil c/w, Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, Iklin – Demolition of existing terraced house and construction of 15 garages at basement level including substation, 2 Class 4B shops and 1 maisonette at ground floor level, 12 apartments and 2 penthouses.

**63.9 REĠJUN TAL-KULTURA 2023**

63.9.1 Dan is-suġġett ma kienx diskuss waqt is-seduta.

**63.10 RIŻULTATI TAL-ISTUDJU XJENTIFIKU DWAR IL-KWALITÀ TAL-ARJA FL-IKLIN**

63.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta l-istudju xjentifiku li kien ikkummissjunat mill-Kunsill u ppreparat minn Industrial and Environment Chemist fuq il-mejda għad-diskussjoni u l-approvazzjoni.

63.10.2 Imbagħad is-Sindku qara r-rapport Air Quality Monitoring għall-interess tal-Kunsillieri preżenti. Il-metodu xjentifiku jagħti l-iktar riżultati preċiżi u qrib il-fatt.

63.10.3 Wara diskussjoni dwar l-eżitu ta' dan ir-rapport, kien hemm qbil li l-Kunsill jistieden lill-espert biex niltaqgħu miegħu u niddiskutu r-rapport biex immedjatament wara nsejħu laqgħa għar-residenti biex ikunu infurmati bir-riżultati miksuba minn dan ir-rapport.

**(Ara dok. E)**

## 63.11 PROGRAMM TAL-FESTI NATALIZJI

63.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ diskussjoni dwar il-festi natalziji 2023. Semma li kellu laqgħa mall-Kappillan tal-Parroċċa u ġew diskussi l-attivitajiet li jiġu organizzati bħal kull sena iżda wkoll attivitajiet ġodda bil-għan li nilħqu lill-komunità kollha tal-Iklin.

63.11.2 Wara diskussjoni wiesgħa, kien deċiż li f'dan l-istadju l-Kunsill jikkonferma s-servizz tas-7 ta' Diċembru fejn ser tkun qed tiġi mistiedna l-banda Big Friends Guggen Musik Malta 2008 A.D.

63.11.3 Ġew ukoll ikkonfermati s-servizzi tat-18 ta' Diċembru bis-sehem tal-Banda San Pio X biex takkumpanja l-purċissjoni tradizzjonali, l-attività ħelwa 'Ġej il-Father Christmas' skedata għal nhar it-23 ta' Diċembru u l-attività 'Milied għat-tfal tal-komunità skedata għal nhar it-28 ta' Diċembru.

63.11.4 Dwar l-armar u tiżjin tal-Milied, il-Kunsill se jkun qed jixgħel Pjazza Ninu Cremona u Triq Anton Buttigieg. Fl-eventwalità li l-Kunsill jikseb fondi, il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jerġa jixgħel Triq Ġeronimo Abos.

63.11.5 Fir-rigward tal-attivitajiet il-ġodda, kien deċiż li jinġiebu kwotazzjonijiet biex naraw li l-Kunsill ikun *within budget*.

63.11.6 Fl-aħħarnett, kien deċiż li tkompli d-diskussjoni fis-seduta li jmiss.

## 63.12 PARKING MANAGEMENT SUSTAINABLE MOBILITY

63.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal sessjoni organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku informa li preżentement qed isiru taħdidiet biex dawk il-lokalitajiet li jixtiequ jimplimentaw Controlled Residents' Parking Scheme jistgħu japplikaw sal-aħħar tax-xhar ta' Settembru.

Fil-każ ta' din il-lokalità, is-sistema tal-Controlled Residents' Parking scheme qegħda fis-seħħ f'numru ta' toroq li huma deskritti bħala *mixed society* bejn ir-residenzi u l-attività kummerċjali.

63.12.2 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet jew proposti ġodda dwar din l-iskema. Ma kienx hemm.

63.12.3 F'dan l-istadju, kien deċiż li l-Kunsill ma jarax li għandu jagħmel talbiet ġodda taħt dawn l-iskemi.

## 63.13 TMIEM TAL-LAQĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

63.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2023 fil-5.30 p.m.

63.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2023 fil-5.30 p.m.

63.13.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għamlet tfakkira dwar l-attività soċjali skedata għal nhar it-22 ta' Settembru ġewwa l-gżira Għawdxija għaliex permezz ta' dawn l-attivitajiet, il-Kunsill ikun qed isaħħaħ il-kuntatt mall-komunità.

63.13.4 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.35 p.m.

IFFIRMAT

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

IFFIRMAT

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv